# Kwadru ta' Giuseppe Calì fil-Knisja tal-Kappuċċini fil-Floriana



**Mario Fenech**

Wieħed mill-ħafna kwadri sbieħ li ħallilna bħala wirt artistiku nazzjonali l-artist ċelebri Giuseppe Calì nsibuh fil-mużew tal-knisja tas-Salib Imqaddes fil-Floriana li hija mmexxija mill-patrijiet Capuċċini.

Dan huwa xogħol ovali li fih naraw lill-Madonna bil-wieqfa fuq tron qegħda tagħti l-kuruna tar-Rużarju lil San Duminku filwaqt li l-Bambin Ġesù li qiegħed f'idejn x-xellugija tal-Madonna qiegħed jagħti l-Kuruna tar-Rużarju lil Santa Monica.



Kemm lil San Duminku kif ukoll lil Santa Monica narawhom għarkupptejhom fuq waħda mit-tarġiet tat-tron li qegħda fuqu l-Madonna bil-Bambin.

Partikolarita ta' din ix-xena hija li għalkemm lill-Madonna l-artist pinġieha fuq tron, huwa għażel li din għandha tkun bil-wieqfa u mhux bil-qegħda.

Dan ix-xogħol jurina li kien f'burdata kemmxejn mgħaġġla l-artist meta għamel dan ix-xogħol. Ħafna jafu bil-fatt li Giuseppe Calì kien artist li jgħaġġel sew fuq ix-xogħol tiegħu, iżda meta kien ikun fl-aħjar burdata tiegħu huwa kien jidħol fid-dettal ta' dak li jkun qiegħed ipinġi. Ħaġa li f'dan ix-xogħol ma tantx għamel.

Hawnhekk minflokk id-dettalji fini ta' bizzila fl-ilbies u fl-uċuh

tal-persunaġġi li pinġa fil-kwadru, huwa għafas xi ftit fuq il-panneġġi tal-ħwejjeġ u fil-kuluri wżati għall-isfond tax-xena.
Dawn kienu l-fatturi kemmxejn strambi ta' dan l-artist. Kultant kont tarah jidħol fid-dettal ta' dak li jkun qiegħed jippreżenta permezz tal-pniezel tiegħu, biex imbagħad meta kien ifettilu, kien jagħżel li juri l-kapaċitajiet tiegħu xorta waħda fi kwadri sbieħ, iżda mingħajr ma joqgħod ipinġi wisq irqaqat.
Forsi għal din ir-raġuni Calì huwa meqjus bħala ġenju nazzjonali f'dan ix-xogħol.
Calì kien artist imfittex ħafna għax-xogħolijiet tiegħu u bosta drabi kien ikollu jeħodha f'kompetizzjoni ħarxa ma artisti barranin li kienu jinġiebu biex jesegwixxu x-xogħol tagħhom f'pajjiżna.
Il-lum li dawn il-kwadri u xogħolijiet oħrajn ta' Calì għadda xi ftit taż-żmien sew minn fuqhom nistgħu ngħidu li qegħdin jiġu ferjn aktar apprezzati minn meta kienu għadhom kemm saru, tant li fejn hemm il-firma tiegħu qegħdin isiru xogħolijiet kbar ta' restawr u tindif fuqhom biex b'hekk dan il-patrimonju imprezzabbli li ħallilna dan l-artist nkunu nistgħu ngħadduh f'kundizzjoni tajba lil dawk li jiġu warajna.
Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

